# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 319/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Silvester Zahra**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant, Silvester Zahra, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 207288M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Marzu, 2012 ghall-habta tal-17:45hrs fi Triq Patri Guzepp Delia fis-Siggiewi:-

(a) saq vettura tal-ghamla Volkswagen bin-numru tar-registrazzjoni BAG-013 fid-direzzjoni ta' Naomi Tanti u Roderick Vassallo bil-hsieb li jikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem li igib diffett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh, bi ksur tal-Art. 41 1(b) u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod iehor perikoluz bi ksur tal-Art 15(l)(a) tal-Kap 65 tar-regolament tat-traffiku;

(c) ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod iehor perikoluz bi ksur tal-Art 15(l)(a) tal-Kap 65 tar-regolamenti tat-traffiku;

(d) ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, glied u kliem oxxen fil-pubbliku bi ksur tal-Art. 338 (dd) u Art 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(e) ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer fi Triq Patri Guzepp Delia fis-Siggiewi saq vettura tal-ghamla Golf b'numru tar-registrazzjoni BAG-013 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtorita' dwar it-trasport ta' Malta;

(f) aktar talli, fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

(g) ukoll talli int sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D tal-15/11/2007 u li kiser il-kundizzjoni imposta fuqu b'din is-sentenza.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex f'kaz ta' htija l-imsemmi Silvester Zahra jkun skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn 11-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Mejju, 2015 li biha fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-Gudizzju tat-8 ta' Awwissu 2013 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 41(1)(a), 218, 338(dd), 339(1)(e), tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 127(1) tal-LS 65.11 taht il-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-imputazzjonijiet mmarkati bhala (a),(b),(c),(e) (limitament in kwantu jirrigwarda l-ksur tal-buon ordni u paci pubblika, (f), (g) u (h) u ikkundannatu tnax (12)-il xahar prigunerija kif ukoll skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn (2) liema perjodu ta' skwalifika ghandu jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha l-imputat jispicca jiskonta l-imsemmi perjodu ta' prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala (d) u konsegwentement illiberatu minnha;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Silvester Zahra, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Gunju, 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-

imputazzjoni mmarkata bhala (d) u lliberatu minnha, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet mmarkati bhala (a),(b),(c),(e) (limitatament in kwantu jirrigwarda l-ksur tal-buon ordni u paci pubblika), (f),(g) u (h) migjuba fil-konfront tieghu u dan billi tiddikjarah mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull htija jew piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok taghti piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-kwistjoni odjerna tirrigwarda allegat agir tal-appellant kif rappurtat minn certu Naomi Tanti lill-Pulizija wara li tghid illi ghall-darbtejn prova isuq ghal-fuqha u, li ma resqitx, ma tafx x'kien isir minnha. L-isfond ta' dan kollu, dejjem skond Tanti, hu li kienet qed tistenna lill-gharus taghha, certu Roderick Vassallo, gej ghand ommu meta ratu gej riekeb f'karozza misjuqa mill-appellant u peress illi ghaliha kien oggezzjonabbli li jkun fil-kumpanija tieghu, u peress li t-tnejn kienu fis-sakra, bdiet tghajjat mal-appellant li allura hareg, waddabha mal-art u beda jtiha bl-idejn u bis-sieq. Imbaghad dahal fil-karozza u saq fid-direzzjoni taghha ghal-darbtejn, habat ma' vettura ohra u telaq 'l hinn. Tanti marret minnufih taghmel rapport l-ghassa

fejn intalbet iggib certifikat mediku izda qatt ma rritornat l-ghassa biex issegwi r-rapport taghha u wara infurmat lill-Pulizija illi ma xtaqitx li l-Pulizija tinizzja proceduri kontra l-appellant;

2. L-appellant iressaq zewg aggravji fl-appell tieghu. Fl-ewwel gravami tieghu, l-appellant jillanja l-apprezzament zbaljat tal-fatti mill-ewwel Qorti filwaqt illi t-tieni wiehed jirrigwarda l-piena erogata. L-appellant iressaq diversi argumenti fl-ewwel aggravju tieghu sabiex juri li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal sejbien ta' htija skond il-fatti akkolti. Isegwi ghalhekk illi qabel kull konsiderazzjoni dwar dawn il-gravami, din il-Qorti tezamina bir-reqqa l-atti processwali;

3. L-ufficcjal prosekutur, l-Ispettur Joseph Agius li ukoll investiga l-kaz, kien l-ewwel li ha l-pedana tax-xhud u informa lill-Qorti illi Naomi Tanti u Roderick Vassallo kienu **flimkien irrapurtaw** aggressjoni minn naha tal-appellant meta dan saq ghal fuqhom bl-intenzjoni li jweggaghhom fejn ukoll kien tefa' lill-Naomi Tanti mal-art u beda jitha bis-sieq. Dan l-Ispettur jghid illi kellem lill-appellant u wissieh li mhix l-ewwel darba li kien twaqqaf meta saq minghajr licenzja kif ukoll illi kien hadlu stqarrija fejn ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda. Huwa kkonferma ukoll illi Tanti riedet ukoll tirtira r-rapport izda fehmha li l-Pulizija kellha xorta wahda tibda proceduri *ex officio* kontra l-appellant;

4. PS. 274 mill-Ghassa tal-Pulizija tas-Siggiewi, xehed li ha r-rapport ta' **Naomi Tanti** li ddenuncjat lill-appellant li waqt li kienet fi Triq Patri Guze Delia fis-Siggiewi, ipprova jsuq ghal-fuqha u li kieku ma resqitx kien jaqtalha saqajha barra. Kif ukoll li kien nizel mill-karozza tieghu, tefghahhom t-tnejn mal-art u qabad jaghtihom bis-sieq u bil-ponn u li kieku ma resqitx kien jerga jsuq ghal-fuqha. PS 1141 mill-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz Zebbug xehed illi wara li kien baghat lix-xufier tieghu biex jassisti lil-PS 274, dahlet Naomi Tanti l-ghassa, fejn allura din il-Qorti tifhem illi hija l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz

Zebbug, tibki u qisha mfixxkla u tghid li xi hadd prova jtajjarha. Din spjegatlu li waqt li kienet qed tistenna lill-boyfriend taghha Roderick Vassallo u meta ratu gej mal-appellant bdiet tghajjat u prova jsuq ghal fuqha darbtejn, nizel mill-vettura u qabad itiha. Dak il-hin tfacca PS 274 li kompla jiehu r-rapport. Izda ftit qabel kien dahal ukoll Roderick Vassallo li kien qed jipprova jipperswadiha biex ma tghamilx rapport;

5. PC 929 mill-Ghassa ta' Haz Zebbug xehed illi Tanti kienet rrapurtat li l-appellant kien saq ghal fuqha darbtejn u qabad itiha. Meta resqet biex ma jolqothiex l-appellant, dan habat ma' vettura ohra tal-marka Toyota u ta' lewn vjola. Jghid ukoll li Roderick Vassallo kkonferma mieghu li meta l-appellant wasslu d-dar t-ommu, Tanti bdiet tghajjat ghaliex ma rieditux jaghmilha mall-appellant. Dan saq ghal fuqha darbtejn u qabad itiha u spicca biex zammu l-istess Vassallo. PC 1281 ukoll mill-Ghassa ta' Haz Zebbug xehed illi Tanti kienet accediet l-ghassa tibki u rrapurtat li meta rat lill-Roderick Vassallo u lill-appellant flimkien qabdet tghajjat fejn allura l-appellant hareg mill-vettura tieghu, waqqaghha mal-art u qabad itiha bil-ponn u bis-sieq, rega' rikeb fil-karozza u hu u sejjer 'l hinn prova jsuq ghal fuqha.

6. Roderick Vassallo spjega kif kien qed jixrob gewwa hanut u missier l-appellant offra, u fil-fatt, wasslu d-dar. Malli wasal, tant kien xurban li waqa' u ma jafx x'gara hlief li kien hemm it-tfajla tieghu tistenna wara l-bieb li bdiet tghajjat. Minkejja li ma kienx f'sensieh, xorta wahda akkumpanja lill-Tanti l-Ghassa biex ma jhallihiex wahidha tghajjat u taghmel ix-xenati. Il-Pulizija talbuh iwassalha biex iggib certifikat mediku izda f'nofs ta' triq kellha ripensament u talbitu jehodha ghand ommu fejn hemm sabu zewg Pulizija wara l-bieb li talbuh ic-certifkat mediku u spjegalhom li ma rieditx taghmel hekk. Vassallo cahad li hu qatt ghamel rapport u li kienet Tanti li ghamlet hekk;

7. Il-persuna li l-aktar kellha interess f'din il-kawza, Naomi Tanti, xehedet illi dak iz-zmien kienet tohrog ma' Roderick Vassallo u li kienet qed tistennih gej id-dar fejn kien joqghod fi **Triq Qalb ta' Gesu, Siggiewi**. Meta ratu gej mal-appellant bdiet tirrabja anke ghaliex kienu fis-sakra u ma tafx x'gara hlief li bdew jilletikaw u l-appellant qabad u saq fuqha, resqet u baqa' diehel go karozza ohra. Meta l-appellant saq ghal fuqha, Vassallo kien riekeb mieghu fl-istess karozza. Kwantu ghas-sokor imbaghad tghid illi kienu biss ftit fis-sakra. Lil missier l-appellant ma ratux fil-karozza dakinhar. Konfrontata flimkien max-xhud Roderick Vassallo, Tanti baqghet tinsisti li missier l-appellant ma kienx hemm u li kien l-appellant li kien qed isuq, kif ukoll li t-tnejn kienu ftit fis-sakra izda Vassallo kien qaghad kwiet u minkejja li kien dahal l-ghassa ma tantx tkellem. Mitluba terga' tispjega kollox mil-bidu, din ix-xhud rrakontat fi tlett linji s-segwenti: "*Dak kont qed nistenna lill-Roderick Vassallo gej is-Siggiewi u gew hu u Sylvester Zahra. U kelli xi nghid ma' Roderick jiena imma xejn specjali. U mbaghad qabad Sylvester Zahra u kien ha jsuq fuqi";*

8. Rapprezentant ta' Transport Malta imbaghad xehed illi dak in-nhar tal-incident, l-vettura in kwistjoni tal-marka **KIA Pride** u ta' lewn ahmar kienet registrata fuq certu John Cuschieri. L-appellant ma ghandu l-ebda tip ta' licenzja ta' sewqan f'ismu;

9. Riassunti id-deposizzjonijiet tax-xhieda, din il-Qorti tibda bl-ezami tal-ewwel argument mressaq mill-appellant li jirrigwarda l-post fejn allegatament sehh dan l-incident. Skond Naomi Tanti, dan l-incident sehh fi Triq Qalb ta' Gesu gewwa s-Siggiewi filwaqt illi l-Ufficcjali tal-Pulizija jirreferu ghall-Triq Patri Guze Delia. Ir-rapport tal-Pulizija, dak referenza 2/D/500/2012 jindika li l-incident sehh fi Triq Patri Guzepp Delia, c/w Triq il-Fawwara, s-Siggiewi;

10. L-appellant jargumenta illi ma jistghax jinstab hati ta' incident li sehh f'lok meta l-provi juru li allegatament sehh f'post iehor. Meta l-artikolu 360 subinciz (2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi *ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u tal-lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw",* dan huwa hekk sabiex l-imputat ikun f'posizzjoni li ihejji d-difiza tieghu. Issa it-triq fejn allegatament sehh dan l-incident huwa wiehed mill-fatti li kellu jkun inkluz fic-citazzjoni. *"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri, b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb"* (App Krim Il-Pulizija vs Simon Bord 15.12.1994). Fic-citazzjoni hemm indikat fatti li sehhew fis-17 ta' Marzu 2012 ghall-habta ta' 17.45 hrs fi Triq Patri Guzepp Delia fis-Siggiewi. Ir-rapport maghmul mill-parti leza jindika li l-incident sehh f'din it-triq fejn din tinkrocja ma' Triq il-Fawwara. Issa meta l-parti leza ghamlet referenza ghall-Triq il-Qalb ta' Gesu ma jfissirx illi l-prosekuzzjoni kienet zbaljata meta indikat Triq Patri Guzepp Delia meta l-provi **kollha** juru li l-fatti, apparti jekk jirrizultawx jew le, sehhew f'din it-triq. Is-sentenza msemmija mill-appellant in sostenn tal-argument tieghu ma hu ta' ebda relevanza ghall-kaz odjern stante li dak kien jittratta ta' diskrepanza ta' tnax-il siegha bejn l-fatt imputat u l-hin proprju tal-incident. Dan l-argument ghalhekk qed ikun respint;

11. Fit-tieni argument tal-ewwel aggravju tieghu, l-appellent jillanja l-konflitt fil-provi bhala raguni ghaliex l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fih. Filwaqt illi jirrikonoxxi illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghal-liberazzjoni, jghid illi l-ewwel Qorti, minkejja l-animozita li kienet tezisti bejnu w il-parti leza, strahet fuq il-verzjoni tal-parti leza u skartat kompletament ix-xhieda

l-ohra. Meta din il-Qorti ezaminat bir-reqqa id-deposizzjonijiet kollha irrizultawlha inkonsistenzi serji li fil-verita inisslu nuqqas ta' serenita' fil-konferma tas-sentenza appellata;

12. Jibda biex jinghad illi r-rapport ossia l-okkorrenza tal-Pulizija turi illi qabel ma Tanti accediet l-Ghassa biex taghmel rapport kienet fil-fatt cemplet lill-Pulizija biex tiddenunzja li kienet issawtet mill-appellant. Juri ukoll illi hi rrapurtat li l-appellant kien qed isuq vettura mudell **Golf**. Fl-istess rapport Tanti tghid illi twaddbet mal-art mill-appellant li beda jtiha bis-sieq u bil-ponn izda meta mitluba tipprovdi certifkat mediku stqarret li ma kellha ebda griehi. Griehi dawn li kellhom ikunu facilment riskontrati mill-ufficjali tal-Pulizija meta l-kwerelanta accediet l-ghassa. Jizdied ma' dan illi PC929 u PC1281 kienu accedew fuq il-post u hemm raw vettura kulur vjola milquta u li nfurmawha (prezumibilment lis-sid) biex jaghmel rapport formali gewwa l-Ghassa ta' Haz Zebbug li fil-fatt igib in-numru 2/D/499/2012. Dan ir-rapport izda mhux parti minn dawn l-atti processwali. Issa ghalkemm l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-imputazzjoni li ghamel griehi [*recte:* offizi] ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-parti leza, dan il-fatt wahdu ma setghax *sic et simplicitur* jittiehed *in vacuo*. Jekk l-parti leza verament twaddbet mal-art u l-appellant beda jtiha bil-ponn u bis-sieq possibbli li ma kienet tirraviza ebda sinjal ta' tali vjolenza, imqar hwejjeg mahmugin meta twaddbet mal-art? Dan certament kellu jkun riskontrat *ictu oculi* mill-erba' ufficcjali tal-Pulizija li hadu r-rapport ftit minuti wara meta accediet l-ghassa tal-pulizija. Prova daqstant iehor importanti kienet il-vettura allegatament milquta mill-appellant meta ta daqqa fil-bieba taghha. Dan ir-rapport qatt ma ngieb a konjizzjoni tal-ewwel Qorti u sid il-vettura qatt ma ttella biex jixhed. Il-parti leza tghid illi l-appellant u Roderick Vassallo kienu fis-sakra anke jekk bi ftit. Minkejja dan, il-Pulizija ma rriskontraw ebda sokor u talbuh iwassalha ghand tabib

biex ticcertifika l-offizi, minkejja li imbaghad qalet li ma sofriet ebda tali offizi. Dan isahhah il-verzjoni ta' Vassallo li huwa bil-kemm dahal l-ghassa dak inhar u mar ghaliex kien l-gharus jew boyfriend taghha bl-ghajjat li bdiet tghajjat;

13. L-istess irid jinghad dwar il-vettura li suppost kien qed isuq l-appellant ghaliex filwaqt illi l-parti leza tghid illi kienet mudell Golf, il-prosekuzzjoni akkuzawh bhala fatt li kien qed isuq vettura b-numru ta' registrazzjoni li aktar tard irrizultat li hija tal-marka KIA mudell Pride. Ezaminati l-atti processwali ma jirrizulta minn imkien li l-parte civile tat dettalji tan-numru ta' registrazzjoni tal-vettura suppost uzata f'dan l-incident. Kif il-prosekuzzjoni waslu ghal din il-vettura allura huwa misteru. L-unika informazzjoni li l-parte civile tat lill-pulizija in rigward hi li l-appellant kien qed isuq vettura tal-mudell Golf;

14. L-parte civile irrapurtat ukoll illi l-appellant tefa sia lilha kif ukoll lill-gharus taghha mal-art u beda jtihom bil-ponn u bis-sieq. Dan, izda ma jidhirx li kien il-kaz u l-parte civile kellha tintalab tispjega kif l-appellant aggrediha b'dak il-mod, bl-gharus taghha jassisti b'mod passiv ghal-dak kollu tant li beda jikkonvinciha ma tghamilx rapport. Dan il-kwezit ukoll baqa' ma sarx wisq anqas mwiegeb;

15. Fil-konfront bejn Roderick Vassallo u l-parte civile, din tal-ahhar mitluba terga tiddeksrivi l-incident qalet biss hekk: "*Dak kont qed nistenna lill-Roderick Vassallo gej is-Siggiewi u gew hu u Sylvester Zahra. U kelli xi nghid ma' Roderick jiena imma xejn specjali. U mbaghad qabad Sylvester Zahra u kien ha jsuq fuqi".* Iz-zewg tentattivi biex jghaddi minn fuqha bil-karozza issa spiccaw deskritti bhala "*kien ha jsuq fuqi";*

16. Din il-prova ma ghandhiex mill-kwalita' li biha tista' tinsab htija u ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha;

17. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni aggravju, tilqa' l-ewwel aggravju u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha ma sabitx htija fl-appellant ghall-imputazzjoni enumerata (d), thassarha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' tnax-il xahar u skwalifikatu mill-licenzji tas-sewqan tieghu ghal zmien sentejn u minflok ma ssibux hati u tilliberah minn kull htija u piena.